MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 670/2004

**Dr. Leendert Job u Cornelia konjugi Freeke**

**-vs-**

**Jeffrey Attard u Joseph Schembri f'isimhom proprju u ezercjenti n-negozju bl-isem "Renaissance"**

**Illum 5 ta' Lulju 2010**

**Il-Qorti,**

Rat li nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jananr 2001 kienet giet prezentata citazzjoni fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet fuq premessi fejn Dr.Leendart John u Cornelia konjugi Freeke ppremettew is-segwenti:

"*Illi l-atturi kienu qabbdu lill-konvenuti proprio et nomine sabiex jezegwixxu fil-fond ta' l-atturi 27, J. Kepler Street, Il-Kortin, Mellieha, xoghol ta' gardening, konsistenti fit-tkabbir u dekorazzjoni floreali*;

*Illi l-atturi gew ingannati mill-konvenuti billi, bhala prezz ghax-xoghol li ge ezegwit kellhom ihallsu somom ezorbitanti ta' flus;*

*Illi meta l-attur rregolaw irwiehhom fuq il-prezzijiet, skoprew li l-konvenuti proprio et nomine thallsu ndebitament aktar milli fil-fatt kellhom jithallsu ghax-xoghol li ezegwew kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Illi l-konvenuti proprio et nomine sahansitra ppretendew li l-atturi ghandhom ihallsu bilanc iehor mill-prezz u dan ghaliex baghtulhom kontijiet ohrajn;*

*Illi l-konvenuti proprio et nomine ghandhom jirrifondu lill-atturi s-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5000) li huma ndebitament ircevew minghandhom;*

*Illi l-konvenuti proprio et nomine nterpellati biex jersqu ghar-rifuzjoni tal-flus li ndebitament ircevew baqghu inadempjenti'"*

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

*1. "Tiddikjara li l-konvenuti proprio et nomine rcevew indebitament flejjes minghand l-atturi in eccess ta' dak li kellhom realment jircievu minghandhom ghax-xoghol ta' gardening kif fuq inghad;*

*2. Tiddikjara konsegwentement li l-atturi m'ghandhom ihallsu lill-konvenuti proprio et nomine ebda bilanc in konsiderazzjoni ta' l-istess xoghlijiet;*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine jirrifondu lill-atturi s-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5000) li huma rcevew indebitament minghandhom.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri legali tat-30 ta' Novembru 2000 u tal-11 ta' Jannar 2001 u bl-imghax relattiv mid-data tal-hlasijiet li ghamlu l-atturi sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti proprio et nomine minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi fejn esponew bir-rispett u Dr. Leendert Job Freeke kkonferma bil-gurament:

*1. "Illi l-esponenti kienu qabbdu lill-konvenuti proprio et nomine sabiex jezegwixxu fil-fond ta' l-esponenti 27, J. Kepler Street, il-Kortin, Mellieha, xoghol ta' gardening, konsistenti fit-tkabbir u dekorazzjoni floreali;*

*2. Illi l-esponenti gew ingannati mill-konvenuti billi, bhala prezz ghax-xoghol li gie ezegwit, kellhm ihallsu somom ezorbitanti ta' flus;*

*3. Illi meta l-esponenti rregolaw irwiehhom fuq il-prezzijiet skoprew li l-konvenuti proprio et nomine thallsu indebitament aktar milli fil-fatt kellhom jithallsu ghax-xoghol li ezegwew kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*4. Illi l-konvenuti proprio et nomine sahansitram ppretendew li l-esponenti ghandhom ihallsu bilanc iehor mill-prezz u dan ghaliex baghtulhom kontijiet ohrajn;*

*5. Illi l-konvenjuti proprio et nomine ghandhom jirrifondu lill-esponenti s-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5000) li huma ndebitament ircevew minghandhom;*

*6. Illi l-konvenuti proprio et nomine nterpellati biex jersqu ghar-rifuzjoni tal-flus li ndebitament ircevew baqghu inadempjenti;*

*7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza."*

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata nhar it-tnejn ta' Marzu, 2001 fejn eccepew is-segwenti:

*"Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti u dan partikolarment billi mhuwiex minnu li sar hlas indebitu in eccess minn dak li kellu jithallas. Ix-xoghol u l-provvista ta' materjal da parti ta' l-eccipjenti sar fuq perjodu ta' zmien wara sensiela ta' ordnijiet u fil-kors tax-xoghlijiet kienu jsiru pagamenti regolari da parti ta' l-atturi wara li huma gew bl-invoices minn zmien ghal zmien da parti tal-eccipjenti.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".*

Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti fejn esponew bir-rispett:

*"Illi l-atturi kienu nkarigaw lill-esponenti sabiex jaghmlu xi xoghlijiet ta' gardening fil-proprjeta' taghhom f'Santa Marija Estate, il-Mellieha, liema xoghol kien jikkonsisti f'landscaping, xoghol preparatorju tal-gnien, kemm fir-rigward tal-hamrija, kif ukoll dwar is-sistema ta' rrigazzjoni u provvista wkoll tal-pjanti u s-sigar relattivi.*

*Illi dan ix-xoghol sar fuq trapass ta' zmien u matul iz-zmien li qieghed isir ix-xoghol kienu jigu prezentati minn zmien ghal zmien invoices da parti ta' l-eccipjenti u kienu jsiru anke hlasijiet da parti ta' l-atturi li certament kienu jafu r-rati li kienu qed jigu ccargjati da parti ta' l-esponenti.*

*Minn zmien ghal zmien l-atturi kienu jitolbu zidiet fix-xoghlijiet u dawn kienu jsiru u kienu anke johorgu invoices relattivi u ghalhekk certament jista' jinghad illi kien ikun hemm ftehim kemm fuq l-oggett kif ukoll fuq il-prezz relattiv jekk mhux anticipament, wara li dan jigi debitament provdut.*

*Ghaldaqstant, it-talbiet ta' l-atturi f'dan ir-rigward huma totalment infondati."*

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti pprezentata kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet taghhom fit-tnejn ta' Marzu, 2001, fejn ippremettew is-segwenti:

*“Peress illi l-konvenuti pprestaw servizzi lill-atturi konsistenti fi thaffir ta’ bir, provvista ta’ pjantiu prodotti relatati u ghad fadal bilanc ta’ Lm3,661.25c.*

*Peress illi l-atturi nterpellati biex ihallsu dan il-bilanc baqghu inadempjenti.”*

*Ghaldaqstant, jghidu l-atturi ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:*

*1. “Tikkundanna lill-atturi li jhallsu lill-konvenuti s-somma ta’ tlett elef, sitt mija w wiehed u sittin Lira Maltin u hamsa w ghoxrin centezmu (Lm3661.25c) rapprezentanti bilanc ghal servizzi rezi u prodotti forniti kif fuq premess.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta’ din il-kontro-talba liema atturi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”*

Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess kontro-talba tal-konvenuti fejn gie espost:

*“Illi l-konvenuti pprestaw servizzi lill-atturi konsistenti fi thaffir ta’ bir, provvista ta’ pjanti w prodotti relatati u ghad fadal bilanc ta’ Lm3661.25c.*
*Illi l-atturi nterpellati biex ihallsu dan il-bilanc baqghu inadempjenti.”*

Sussegwentement giet ipprezentata n-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Leendert Job u Cornelia konjugi Freeke ghall-kontro-talba tal-konvenuti Jeffrey Attard et pro et nomine fejn eccepew :

*“Illi t-talbiet tal-konvenuti Jeffrey Attard et pro et nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux talli l-atturi Dr. Leendert Job u Cornelia konjugi Freeke m’ghandhomx ihallsu lill-konvenuti Jeffrey Attard et pro et nomine s-somma pretiza fil-kontro-talba ta’ l-istess konvenuti, imma talli l-atturi Dr. Leendert Job u Cornelia konjugi Freeke*

*ghandhom jiehdu minghand il-konvenuti dik is-somma kif pretiza fic-citazzjoni fuq citata*.

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri”.*

Kontestwalment iddikjaraw bil-gurament:

“*Illi t-talbiet tal-konvenuti Jeffrey Attard et pro et nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux talli l-esponenti Dr. Leendert Job u Cornelia konjugi Freeke m’ghandhom ihallsu lill-konvenuti Jeffrey Attard et pro et nomine s-somma pretiza fil-kontro-talba ta’ l-istess konvenuti, imma talli l-esponenti Dr. Leendert Job u Cornelia konjugi Freeke ghandhom jiehdu minghand il-konvenuti dik is-somma kif pretiza fic-citazzjoni fuq citata*.”

Rat li nhar id-disgha w ghoxrin ta’ Marzu 2001, il-Qorti kienet innominat lil Peter Caruana bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, kif ukoll ghall-kontro-talba fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-atturi, peress li kienet tal-fehma li l-materja hija wahda teknika.

Sussegwentement fid-disgha w ghoxrin t’Ottubru, 2001 il-Qorti dehrilha li kien necessarju li jigi nominat perit legali biex jassisti lill-espert tekniku Peter Caruana.  Ghal dan il-ghan il-Qorti kienet innominat lil Dr. Greta Mifsud Agius.

Illi nhar l-20 ta’ Frar 2002 l-attur **Dr. Leendert Job Freeke** pprezenta affidavit quddiem il-Perit Legali liema affidavit kien gie mahluf minnu nhar l-24 ta’ Lulju 2001 qudiem in Nutar Remigio Zamit Pace. Dan spjega li meta kien xtara l-fond 27, J. Kepler Street, Il-Kortin, Melliha, il-gnien kien traskurat hafna u huwa w martu fittxew ghajnuna professjonali.  Peress li ma kienu jafu lil hadd li jaghmel dan ix-xoghol hawn Malta, kienu talbu parir dwar dan lill-Perit Patrick Camilleri.  Sussegwentement kienet giet rrakkomandata lilhom il-kumpanija Flower Power.  Meta cempel hemmhekk kien kellmu lil certu Jeffrey Attard li aktar tard kien mar ghandhom u ddiskutew dwar il-fatt li jintroducu “*drip irrigation system*”.  Jghid li xi xhur wara

kien rega' kkuntattja lil Flower Power fejn rega' tkellem ma' Jeffrey Attard u talbu stima ta' *drip irrigation system*, u fil-fatt hekk ghamel u dan tah stima relattiva (Dok. 1) . Barra minnhekk dan Attard rega' mar id-dar taghhom u ghamillu diversi proposti. Fosthom kien qallu li l-bir li diga' kien hemm fil-gnien kien kbir bizzejjed ghad-*drip irrigation system* u allura kien ikkalkula li kull ma kien se jkollu bzonn kienu madwar tlettax (13)-il bowser ilma fis-sena, bejn wiehed u iehor bowser kull tliet (3) gimghat, u naturalment inqas fix-xitwa. Kien qalilhom ukoll li l-pajpijiet tal-ilma ma kellhomx ikunu jidhru, izda suppost kellhom jidhru biss l-i*spaghetti pipes* li jaghtu ghall-pjanti.

Izda mbaghad fil-fatt irrizulta li l-bir kien zghir wisq u meta kienet tahdem il-pompa kien jaqdi biss nofs il-gnien u jservi biss hamest ijiem minflok it-tliet gimghat kif kien qalilhom Attard. Barra minn hekk ilmenta wkoll li l-pajpijiet tad-drip system kienu kollha skoperti u whud mill-pajpijiet il-kbar biss kienu mohbijin. Hawn ghamel referenza ghar-ritratti li esebixxa.

Ikompli jghid li fil-frattemp Attard u siehbu Schembri ma baqghux impjegati mal-Flower Power u fethu ghal rashom, pero' lilu kkonvincewh iqabadd lilhom minflok lill-Flower Power u fil-fatt ghamlu riklam hazin lil din il-kumpanija. Attard qallu li Joseph Schembri kien *'the second landscaper'*. In segwitu kienu pprezentawlu proposta ohra tax-xoghol (appendix 2) u weghduh li kienu se jiccargjawh hafna inqas minn kumpaniji ohra, li kienu se jtuh servizz aqwa u li kellhom jibdlulu l-pjanti u sigar mejtin (appendix 3). Inoltre qalulu li s-sigar u l-pjanti kienu se jimportawhom personalment mill-Italja u Spanja u allura jkunu irhas. Weghduh ukoll li x-xoghol kellu jkun lest fi zmien tliet (3) xhur mix-xahar ta' Frar tas-sena 2000. Filwaqt li dejjem insistew mieghu li kienu landscapers, serrhulu rasu li kienu se jiehdu hsieb ta' kollox huma.

Qal li wara li damu jkaxkru x-xhur, il-konvenuti lestew parti mill-gnien u d-drip system setghet tibda tahdem, izda wara xi tmint ijiem il-bir zvojta u meta beda jintuza ghal partijiet ikbar tal-gnien beda jservi biss hamest ijiem. Zied

li meta ffaccja lil Jeffrey Attard dwar dan, dan kien qallu li kien ha zball ghax mhux mitejn litru ilma (200 litres) kuljum kellhom bzonn izda mitejn gallun (200 gallons), li jsarrfu f'hames darbiet iktar. Qal ukoll li l-konvenuti kienu inaffidabbli u ma kienx kuntent bihom.

Ix-xhud qal li Jeffrey Attard kien offra li jirrimedja ghall-izball tieghu billi jhaffer bir a spejjez tieghu stess. Dan il-bir kellu jesa' tlett elef gallun ilma (daqs bowser) u kellu jservi ghal tliet gimghat fix-xhur tas-sajf. Barra minn hekk kien weghdu li dan kellu jitlesta fi zmien gimgha, l-iktar tnejn, pero' effettivament dan ix-xoghol kien dam sejjer iktar minn disa' gimghat. Jilmenta li Attard rega' ha zball ghax il-bir kien zghir wisq u kien se jesa' biss circa elf seba' mija w hamsin (1750) gallun. Meta ra hekk waqqaf ix-xoghol. Jghid li rega' kellem lil Attard u dan qallu li l-perit Patrick Camilleri kien tah il-qisien hziena u allura kien kisser hajt mill-bir biex ikun jista' jkabbru, u fl-ahhar il-bir gie jesa' daqs bowser ilma. Ikkummenta li ghalkemm Attard kien ippropona li jhallas il-bir minn butu, xorta baghtlu kont ta' elfejn Lira Maltin (Lm2000).

Rigward il-gnien jghid li huwa stess kien ipprepara pjanta tal-*front garden*, esebita bhala Dok. 4. Spjega li l-konvenuti bdew jahdmu bi hgarhom fuq il-partijiet A u G u komplew bil-partijiet D, E u F, u mbaghad ma marrux iktar ghal gimghat shah ghax qabdu xoghlijiet ohra. Kienu jgibu hafna skuzi ghan-nuqqas taghhom, per ezempju li l-*container* bil-pjanti minn Sqallija ma wasalx u skuzi ohra. Kultant kienu jmorru jahdmulu xi nofs ta' nhar, jew jibaghtu lil Anthony Abdilla ma' zewg Libjani. Meta lmenta maghhom dwar id-dewmien kienu ammettew li zbaljaw.

Finalment hawwlu l-pjanti izda wara xi gimghatejn uhud minnhom mietu, allura hu ried lill-konvenuti jirrimedjaw, u regghu ikkonfermawlu li kienu se jibdluhomlu a spejjez taghom u barra minn hekk kellhom jipprovdulu li jizbrulu u jbexxulu b'xejn ghal tliet xhur, pero' dan qatt m'ghamluh hlief xi zewgt idrabi ghal hinijiet qosra. Barra minn hekk jghid li anke hsara saritlu. Jghid li kull ma jmur is-sitwazzjoni kompliet tiggrava w sahansitra kien skopra li zewg sigar tar-rummien li kellu ( *Pomegranate trees)*,

kienu qed imutu ghaliex ma kinux nehhewlhom ix-xibka tal-hadid li kellhom mal-gheruq, u allura dan ix-xoghol kellu jaghmlu hu personalment. Jghid li l-istess gara b'xi pjanta go Section G, kienu hawwluha bil-*plastic pot* b'kollox. Izid li hafna mill-pjanti kienu qed jimirdu u li d-drip irrigation system fil-parti t'isfel tal-gnien ma kinitx qed tiffunzjona sew, u ta' dan gabulu xi skuza. Ilmenta wkoll li ppruvaw jghattu l-pajpijiet bil-*pine bark* u *lava stones* li t-tnejn jiswew hafna, u meta ffaccjahom dwar dan il-konvenuti kienu qalulu li l-pine bark kien jghin biex il-hamrija ma tinxifx u ma jikbirx haxix hazing, ghalkemm fil-fatt dan xorta jikber.

Jghid li fl-ahhar kien xeba' b'dan l-agir tal-konvenuti u ghalhekk hu u martu ddecidew li jhallsu l-ahhar zewg kontijiet u jibdew jiehdu hsieb il-gnien huma. Imbaghad jghid li sa dak iz-zmien kien ghadu ma jafx li kienu qed jiccargjawh hafna izjed milli suppost. Sussegwentement meta hu u martu bdew iduru *nurseries* ohra u bdew iqabblu l-prezzijiet, kienu rrealizzaw li l-konvenuti kienu qed izommulhom prezzijiet ferm oghla, u li dawk is-sigar u pjanti li kienu qalulhom li gew importati, fil-fatt sabu minnhom hawn Malta bi prezzijiet ferm orhos. Ghalhekk kien informa lill-konvenuti li kien se jkellem avukat.

Fis-sebgha w ghoxrin t'Awissu, 2004, il-konvenuti pprezentaw nota li li permezz taghha esebew affidavit ta' **Jeffrey Attard**, flimkien ma' invoice datata l-ewwel t'Ottubru 2000, invoice ohra datata 9 ta' Novembru 2000 u invoice tat-28 ta' Novembru 2000 u ritratt ta' parti mill-gnien qabel ma beda x-xoghol.

Fl-affidavit tieghu **Jeffrey Attard** (a fol. 30 et seq.) jghid li verament kien impjegat ma' Flower Power pero' fl-istess hin kien jaghmel ukoll xoghol part-time billi jizviluppa l-proprjeta'. F'xi zmien kien qed jizviluppa bicca proprjeta' fil-Mosta u kellu nkarigat mieghu lil certu Rosario Cortis bhala Project Manager li nzerta li fl-istess zmien ukoll kien involut f'xoghol ta' zvilupp fuq proprjeta' li kien xtara Dr. Freeke gewwa l-Mellieha. Qal li ftit wara li kien lesta mill-progett tal-Mosta, dan Cortis kien cempillu u peress li kien jaf li hu kien jaghmel xoghol fl-Ortikoltura kien saqsieh

jekk kienx interessat jaghmel sistema ta’ *drip irrigation* fil-proprjeta’ ta’ Dr. Freeke. Ippreciza lil san dan iz-zmien huwa kien ghadu qatt ma ltaqa’ jew tkellem ma’ Dr. Freeke, izda mbaghad Rosario Cortis kien ghamillu appuntament u mar jiltaqa’ mieghu fil-post tieghu il-Mellieha. Dakinhar li ltaqghu Rosario Cortis u Dr. Freeke dawwruh mal-gnien u qalulu x’kellhom f’mohhom bhala *drip irrigation system*. Sussegwentement kien baghtlu quotation ta’ *drip irrigation system* fuq karta plain, ghaliex dan kien xoghol *water system* privat. Wara xi zmien imbaghad kien cempillu fuq il-mobile Dr. Freeke personalment. Spjega li l-*quotation* kienet rigward drip irrigation system ghall-gnien kollu, pero’ ghall-pjanti li kien hemm ezistenti dak iz-zmien.

Qal li meta kien cempillu Dr. Freeke, kien qallu li riedu jibda jirrangalu l-gnien u mhux semplicement jaghmillu drip irrigation system, u ghalhekk kien rega’ mar fuq il-post u fost affarijiet ohra qallu li xtaq, u semmielu li seta’ jgib xi affarijiet personalment mill-Olanda. Sostna li mid-diskors li sar bejniethom kien ha l-impressjoni li Dr. Freeke riedu jirranglu l-gnien barra li jaghmillu *drip irrigation system*. Kompla jghid li dak iz-zmien kien ghadu mpjegat mal-Flower Power, pero’ kellu t-tir li jitlaq. Allura kien qal lil Dr. Freeke li seta’ jahdimlu fuq il-gnien, flimkiien mal-partner tieghu Joe Schembri, la darba jkunu telqu minn mal-Flower Power.

Qal li kienu regghu iltaqghu u hu ghadda lil Dr. Freeke quotation ta’ *drip irrigation system* totalment dettaljata, kif riedha tigi bil-pjanti l-godda, fuq suggeriment tieghu (tax-xhud), *drawing* tad-*drip system*, *quotation* tal-*landscaping* tal-*front garden* u naturalment komprizi l-pjanti w sigar, kif ukoll *drawings* u *sketches*. Din il-*quotation* kienet tammonta ghal elfejn u sebgha u sebghin Lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm2,077.12). Dr. Freeke kkonferma l-ordi tieghu, tah hames mitt Lira (Lm500) bhala depositu u qallu “keep going”, li skond hu (x-xhud) kien ifisser li Dr. Freekde kien kuntent bil-mod kif kien bi hsiebu jahdem.

Zied imbaghad li x-xoghol inbeda f’Marzu minn Joseph Schembri li sadanittant kien telaq minn mal-Flower Power

u hu kien jinzel jghinu fil-weekends. Meta mbaghad huwa wkoll telaq minn mal-Flower Power, bdew jahdmu t-tnejn full-time sakemm spiccaw ix-xoghol f'Ottubru tal-istess sena. Qal li damu daqshekk ghaliex minbarra x-xoghol inizjali li kienu ftehmu dwaru, Dr. Freeke beda jzid ix-xoghol. Sostna li kemm Dr. Freeke, kif ukoll martu kienu jidhru kuntenti hafna f'dak li kienu jissuggerulhom u fil-fatt qal li kellhom *feedback* tajjeb hafna min-naha taghhom. Tant hu hekk li jghid li kull darba li kien jaghti kont lil Dr. Freeke, dan kien ihallas fil-pront, hlief ghall-ahhar kont.

Qal li f'Gunju kemm hu w anke Joseph Schembri, kienu marru Milan u Pistoia biex jixtru l-pjanti ghal dan il-progett, u fil-fatt kienu xtraw zewg container loads li nofs minn kull wiehed kienu apposta ghal dan il-progett. Insista li Dr. Freeke kien konxju minn dan il-fatt u sahansitra meta kienu tawh invoice ghal erbat elef erba' mija u erbgha w hamsin Lira u hamsin centezmu (Lm4,454.50) kien hallsu dak il-hin stess.

Kompla jghid li meta kien hareg il-quotation originali tad-*drip irrigation*, din kien harigha fuq il-pjanti li kien hemm ezistenti dak iz-zmien, qabel ma saret il-*landscaping*. Imbaghad, qal, meta ghamlu l-*landscaping*, ovvjament in-numru ta' pjanti zdied sostanzjalment, anzi jghid li Dr. Freeke baqa' jzid. Qal li minhabba f'hekk kien ikollu joqghod jimla l-bir aktar spiss, pero' jzid li sadanittant hu stess kien igib l-ilma ghall-bir u regolarment kien ihallas l-ilma tal-bowser. Qal li sakemm lahqu haffru bir gdid u ikbar, biex b'hekk kellu zewgt ibjar, kien lahaq hallaslu disghin Lira (Lm90) ghall-ilma biex ikunu jistghu isaqqu. Wara li tlesta l-bir, huwa kien installalu wkoll pompa biex l-ilma jkun jista' jmur minn bir ghall-iehor, u anke poggewlu pjanti ohrajn skond kif talabhom hu stess.

Spjega li l-ahhar invoice li kienu tawh ta' erbat elef hames mija u tmintax-il Lira (Lm4,518) kienet ghandha mhux imhallsa kollha, fil-fatt minnha kien fadal bilanc ta' elf, erba' mija w wiehed u sittin Lira Maltin (Lm1,461), li mitejn u tmien liri u hmistax-il centezmu (Lm208.15) minnhom kienu jirrapprezentaw prezz ta' pompi u affarijiet ohra, skond l-invoice tad-9 ta' Novembru, 2000.

Wara dan kollu, jghid li Dr. Freekde kien qabbad lil Joseph Schembri biex jaghmillu pjanta tal-gnien kollu, b'indikazzjoni tal-pjanti kollha li kienu ghamlulu bl-ismijiet taghhom rispettivi. Din saret, u sostna li sa dak iz-zmien ma kien hemm l-ebda problema. Pero' mbaghad meta fakkru dwar is-somma ta' elf, erba' mija w wiehed u sittin Lira li kien fadallu jhallas, kien qallu biex icempillu l-gimgha ta' wara, u fil-fatt meta ghamel hekk, kien qallu biex ikellem lill-avukat tieghu. Zied li minhabba li r-relazzjoni ta' bejniethom dejjem kienet tajba, <u>huwa kien dispost li ma jezigix il-hlas ta' elfejn u mitejn Lira (Lm2,200)</u> ohra li kien haqqu talli haffer il-bir, pero' meta ra r-reazzjoni ta' Dr. Freeke, insista anke ghal dan l-ammont li jirrizulta mill-invoice datata 28 ta' Novembru 2000.

Spjega li effettivament il-bir ma haffrux hu personalment, izda kien qabbad lil certu Robert Micallef li ghat-tqattigh tal-blat kien ha seba' mija u hamsin Lira (Lm750). Ghall-bini tal-bir bil-bricks, konkos u hadid kien tqabbad Mario Grima li thallas elf u mitt Lira (Lm1100) u kien tqabbad ukoll certu Joseph Bezzina ghal trimming bil-jack-hammer bir-rata ta' tmemin Lira kuljum (Lm80), li ta' jumejn u ftit aktar kien tah mitejn u erbghin Lira (Lm240). Jghid ukoll li barra minn hekk kien inkariga wkoll lil Joseph Demicoli biex inaddaf id-debris, u ta' dan tah sittin Lira (Lm60). Allura jghid li b'kollox dan il-bir swieh iktar minn elfejn u mitejn Lira (Lm2200) u inoltre hass li ma kellu jzomm xejn ghalih minhabba l-entita' tax-xoghlijiet li kienu ghamlu ghal Dr. Freeke. Qal ukoll li l-perit ta' Dr. Freeke, cioe' Patrick Camilleri, kien qallu biex iqatta' ghaxar piedi b'ghaxar piedi (10ft. x 10ft.), pero' fil-fatt ried li l-internal dimensions tal-bir ikunu ta' dan id-daqs, u allura t-tqattigh kellu jsir f'iktar minn okkazjoni wahda.

Insista li peress li dan kien l-ewwel progett li hu u Joseph Schembri kienu hadmu flimkien, u kulhadd kien sodisfatt bir-rizultat, hassew li kieku Dr. Freeke jhallashom il-bilanc li kien fadal ta' Lm1,461, kienu lesti li ma jesigux il-hlas tal-bir. Hu jirrepeti li Dr. Freeke tant kien ferhan bix-

xoghol, li sahansitra kien jiehu n-nies biex jaraw x'kien sar.

Jikkalkula li b'kollox fuq il-progett damu minn Marzu sa Novembru u b'kollox ghamlu xi elf pjanta/sigra. Jaf li fil-kors tax-xoghlijiet mietu xi pjanti u anke wara mietu xi hamsa w ghoxrin ohra, u fil-fatt kienu rrimpjazzawhom u taghhom ma zammew xejn. Isemmi li kienet mietet palma jisimha *Phoenix Dacthylefera* li kienet inxtrat minghand Piscopo Gardens. Skond hu din mietet ghaliex Dr. Freeke ma kienx saqqiha bizzejjed, ghalkemm hu kien qallu li din kienet tirrikjedi aktar tisqija milli d-*drip irrigation* biss.

Insista li l-prezzijiet li kienu taw lil Dr. Freeke kienu tajbin, fis-sens li apparti li poggew il-pjanti/sigar, huwa kienu ghamlu wkoll *landscaping* tal-gnien kollu, ghamlu *terraced areas*, gabu hafna hamrija, qattghu blat. Inoltre kienu ddisinjaw il-gnien, gabu *woodchips* u nehhew is-sigar li kien hemm qabel, ittrimjawhom bir-*roots*, u ppottjawhom ghandhom biex sussegwentement regghu hawwluhom lura fil-gnien tieghu. Jghid li dan ix-xoghol kien jinvolvi numru ta' xhur. Jiccara li l-prezzijiet kienu jinkludu l-mano d'opera taghhom, anzi jzid li l-prezz kien pjuttost baxx ghax-xoghol li sar. Jispjega li ghax-xoghol ta' disinn kienu ftehmu fuq il-*lump sum* ta' hames mitt Lira (Lm500).

Rega' qal li sakemm kienu qed isiru x-xogholijiet, qatt ma kellhom ilmenti minghand Dr. Freeke, la fuq il-kwalita' tax-xoghol, la fuq il-pjanti u lanqas fuq il-prezzijiet jew l-invoices li kienu tawh.

Imbaghad spjega kif wasal ghall-bilanc ta' tlett elef ,tmien mija w sittax-il Lira u sebgha w hamsin centezmu (Lm3,816.57) (ara fol. 35 tal-process).

Rat ir-rikors ta Dr Greta Agius pprezentat fl-atti nhar l-24 ta' April 2006 fejn talbet li tigi ezentata mill-inkarigu lilha mghoti minhabba impenji ohra li kellha. Rat illi fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-avukati tal-partijiet il-Qorti laqghet it-talba taghha u ordnatilha li hija tirritorna l-inkartament li kellha sabiex tkompli tisma il-provi hi stess wara li tirrimetti l-process lil Perit Tekniku.

Rat illi fl-24 ta' Novembru 2006 l-istess Dr Greta Agius Muscat irritornat l-atti li kellha lil Qorti skond verbal tal-Qorti tat-12 ta' Ottubru 2006 (fol. 69)

Rat li fit-tmienja t'Ottubru 2004, il-konvenut pprezentaw nota li permezz taghha, a tenur tad-disposizzjoni tal-Att IX tal-2004, kienu qed jipprevalixxu ruhhom u jaghzlu li l-kawza taghha tkun trattata w deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Ghaldaqstant fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2004, il-Qorti Civili Prim Awla , wara li rat in-nota tal-konvenuti ordnat li l-atti jigu rinvjali lir-Registratur tal-Qorti biex jipprocedi skond il-Ligi.

L-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) nzammet nhar it-tmintax (18) ta' Frar, 2005.

Rat illi fil-verbal tat-tmienja ta' Novembru 2007, l-avukat difensur tal-attur kien talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Rat id-digriet taghha tat-tnax ta' Novembru 2007 fejn ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat illi nhar it-tmienja t'April, 2008 xehed **Anthony Meli** (a fol. 96) fejn ftakar li kien irrilaxxja affidavit u li fih kien qal li hu kellu kuntratt mal-attur meta huwa kien responsabbli ghall-Urban and Rural Landscaping fid-Dipartiment tal-Gvern u spjega li naturalment a bazi ta' din il-kariga huwa ma kellu nteress fl-ebda wahda mill-partijiet. Qal li huwa kien accetta li jaghmel rapport fuq il-fatti kif rahom, b'mod indipendenti. Ftakar li Joe Florian kien jahdem ma' Peter Calamatta, pero' ma jidhirlux li Peter Calamatta qatt kellu x'jaqsam max-xoghol li sar fil-gonna tal-attur. Mistoqsi ghaliex kien Joe Florian li kien ghamel kuntatt mieghu, u mhux l-attur, qal li ma jistax iwiegeb. Qal li l-ewwel darba li mar fuq il-post kien <u>xi tmien snin ilu u x-xoghol kien sar xi gimghat jew xhur qabel</u>. Fuq il-post mar xi tlieta jew erba' darbiet qabel ma wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu. Ftakar ukoll li kien qabbad assistent biex jghinu jghodd il-

pjanti li kien hemm u jara x-xoghol li kien sar. Ikkonferma li l-attur kien prezenti u fil-fatt kien hu li dahhlu. Ikkonferma wkoll li kien hemm xi pjanti mejta u ohrajn li ma kienux pogguti f'postijiet idejali u qal li dawn huma ndikati fir-rapport tieghu, ghalkemm stqarr li hu ma jafx min ha d-decizjoni fejn jitqeghdu l-pjanti u lanqas min kien inkarigat biex il-pjanti jitpoggew fejn sabhom hu. Qal li hu ra biss jekk ix-xoghol kienx sar sew jew le. Kompla jikkonferma li hu ma kienx prezenti meta l-partijiet ftehmu dwar il-prezz.

Meta rega' xehed nhar il-Hamis sitta ta' Novembru 2008 huwa kkonferma li kien diga' ta d-deposizzjoni tieghu pero' gie mgharraf li x-xhieda li kien ta' kienet intilfet. Esebixxa w halef affidavit iffirmat minnu, flimkien ma' tliet dokumenti mmarkati AM1, AM2 u AM3. B'referenza ghad-dokument AM2 jispjega li l-ewwel lista hija isem il-pjanta jew fjura, average size tal-pot biex tikber din il-pjanta, bill quantity hija l-ammont ta' pjanti li taghhom l-attur kien mitlub ihallas, '*actual'* tfisser kemm effettivament instabu minn dawn il-pjanti, il-prezz kemm effettivament l-attur gie mgieghel ihallas ghal kull pjanta, u t-total skond il-bill of quantity, '*hardiness'* hija kemm il-pjanta tkun addatata ghal dak il-post, Calamatta jigifieri kemm fil-fatt qed jinbieghu dawn il-pjanti ghand Calamatta u kemm qed jinbieghu ghand il-Flower Power. Spjega li fejn fil-kolonna '*Actual*' m'hemm miktub xejn, ifisser li mill-ispezzjoni tieghu irrizulta li dawn il-pjanti ma sabhomx. Ikkonferma li hu ghamel din l-ispezzjoni ghall-ahhar tas-sena 2000 u li l-costs imsemmija huma f'Liri Maltin.

Fl-affidavit tieghu datat 26 ta' Lulju 2001li kien gie prezentata quddiem Dr Greta Agius Mifsud jghid li ghall-habta ta' Ottubru 2000 kien ikkomunika mieghu Joe Florian mid-ditta Peter Calamatta Garden Shop u qallu li kellu klijent li xtaq ikollu survey fuq xoghlijiet ta' landscaping fil-proprjeta' tieghu, li kienu saru minn kumpanija ohra. Spjega li huwa fil-fatt jahdem bhala Principal Scientific Officer fid-Dipartiment tal-Agrikoltura u allura ghandu esperjenza vasta f'dan il-qasam. Inoltre ccara li dan kien inkarigu privat.

Jghid li meta mar fid-dar tal-atturi kellu l-opportunita’ jispezzjona u jinvestiga l-mod kif ix-xogholijiet kienu gew esegwiti mill-konvenuti. Jghid li qabel beda bl-investigazzjoni tieghu kien talab lil Dr. Freeke jtih kopja tal-invoices relattivi ghall-istess xoghol kif ukoll rapport tal-istat tal-hamrija li kienu ppreparati mill-konvenuti. Waqt l-ispezzjoni preliminari kien dar mal-gnien tal-atturi u fforma l-ewwel opinjoni tieghu, u cioe’ li x-xoghol ma kienx sar sew, xi pjanti kienu mejta u ohrajn ma kienux imhawlin fil-post addattat. Qal li kien evidenti wkoll li kien hemm hafna hela fl-applikazzjoni tal-*bark mulch*. Spjega li din hija l-qoxra tas-sigra li tintuza biex titghatta l-wicc tal-hamrija biex ikun hemm kontroll tal-haxix hazin kif ukoll ikun evitat telf t’ilma bl-evaporazzjoni.

Jghid pero’ li biex seta’ jasal ghal konkluzjonijiet finali kellu jaghmel tliet zjarat ohra, u dan kemm biex seta’ jghodd il-pjanti kollha w iqabbilhom mal-kontijiet li kienu hargu l-konvenuti kif ukoll biex ikompli jezamina l-istat ta’ sahha tal-pjanti. Wara dan kollu jghid li wasal ghal konkluzjonijiet generali w specifici. Dwar il-generiku jghid li kien hemm xi xoghol li kien tajjeb fil-parti ta’ fuq int u diehel fil-gnien, pero’ fl-istess parti kien hemm xoghol iehor li sar hazin, partikolarment ghax pjanti delikati kienu esposti ghar-rih u ohrajn li jridu d-dell kienu mpoggija fix-xemx. Kien hemm ukoll pjanti ohrajn li ma kinux fil-post addattat. Jghid li fil-parti ta’ gewwa x-xoghol seta’ tqassam b’mod aktar professjonali biex il-pjanta addattata tkun imhawla fil-lok addattat ghaliha.

Rigward il-konk1uzjonijiet specifici, jirreferi ghar-rapport tieghu datat 10 ta’ Jannar 2001 immarkat bhala AM1 u jispjega s-segwenti:

o Illi l-ismijiet tal-pjanti fuq il-kontijiet mibghuta mill-konvenuti, huma mibghuta hazin u ohrajn kif miktuba ma jezistux.
o Xi pjanti li huma ndikati fuq il-kontijiet ma nstabu mkien fil-gnien.
o Xi servizzi jmorru max-xoghol u ma jigux ikkontjati bhala xoghol extra.

o Generalment ghal xoghol ta’ din l-entita’ jinghata skont, li f’dan il-kaz ma sarx.
o Sar hafna xoghol li jiswa hafna bla ma kien mehtieg u dan, skond hu, biex jghatti ghal nuqqasijiet li saru fit-tqeghid tad-*drip irrigation system*. Jikkummenta illi l-pajpijiet il-kbar mill-bir kellhom ikunu mqeghdin b’mod li ma jidhrux, pero’ billi dawn baqghu mikxufa l-konvenuti rrikorrew ghat-tqeghid ta’ lava u bark biex jghattuhom.
o Fl-opinjoni tieghu u mill-esperjenza li ghandu jghid li mhux konvint li l-konvenuti qeghdu tnejn u sittin (62) xkora peat u demel fil-hamrija.
o Mhux konvint li l-konvenuti tassew ghamlu xoghol biex titjieb il-kondizzjoni tal-hamrija.
o Isostni li l-konvenuti ma kellhomx ghalfejn japplikaw daqsant fertilizers daqs kemm indikaw u barra minn hekk il-prezzijiet li kkwotaw huma aktar gholjin minn dawk li hemm fuq is-suq.
o Greenhouse photate ma tezistix.
o Minn samples li ha tal-hamrija, rrizultalu li din ma fihiex il-fertilizzanti w conditioners kollha li l-konvenuti jghid u li applikaw.
o Isostni li ghal hafna mill-pjanti l-konvenuti zammew prezz oghla milli fil-fatt jiswew.
o Hafna mill-pjanti ma kinux imhawl fil-post addattat.
o Jerga’ jirreferi ghall-bark mulch zejjed u jghid li dan jikkawza wkoll li certi pjanti jkunu izjed vulnerabbli ghall-mard minhabba l-klima t’umdita’ li dawn jikkrejaw madwar iz-zokk tal-pjanti.
o Inoltre l-applikazzjoni zejda tal-bark mulch jikkonsma aktar nitrogenu mill-hamrija w b’hekk il-pjanti jiehdu inqas sustanzi fil-futur.
o Fin-naha t’isfel tal-gnien id-*drip irrigation system* ma tiffunzjonax sew.
o Il-weed mat system ghall-ward ma saritx tajjeb.
o Xi fertilizzanti qed jaghmlu hsara lil xi pjanti.
o Jikkummenta dwar il-fatt li ma nhargux ricevuti tal-VAT.

Jikkonkludi billi jghid li meta wiehed iqis il-pjanti neqsin u l-pjanti li mhux suppost thawlu, kif ukoll ix-xoghlijiet li ma

kinux mehtiega, sar hlas zejjed fl-ammont ta’ tlett elef tmien mija w sebgha w erbghin Lira w sebgha w tmenin centezmu (Lm3,847.87).

Sussegwentement fix-xhieda tieghu tad-dsatax ta’ Jannar 2009 jghid li bhala Principal Scientific Officer mad-Dipartiment tal-Agrikoltura meta qal li huwa ghandu esperjenza vasta f’dan il-qasam, kien qed jirreferi ghal-*landscaping.* Jghid li huwa hadem kemm Malta kif ukoll barra f’kull m’ghandu x’jaqsam mal-Agrikoltura u ghandu wkoll certifikat ta’ Certified Professional Agriculturist u barra minn hekk ghandu wkoll First Degree Post Graduate.

Jiftakar li kien ghamel access fil-proprjeta’ tal-atturi xi tmien snin ilu u dan fuq talba tal-attur. Qal li l-ewwel darba mieghu kien mar l-assistent tieghu Joseph Bonello, pero’ mbaghad kompla x-xoghol wahdu. Ikkonferma li l-hamrija wzata mill-konvenuti ma kinitx tajba. Mistoqsi jekk jafx kif kienet il-hamrija qabel ix-xoghol li sar mill-konvenuti, wiegeb li dwar il-passat ma jista’ jghid xejn.

B’referenza ghad-dokument esebit a fol. 122 u mmarkat bhala Dok AM2, partikolarment ghar-raba’ colonna ntestata “actual” jghid li din tfisser kemm effettivament hu sab pjanti ta’ dik in-natura waqt l-access u rega’ sostna li hu sab pjanti zejda w ohrajn neqsin.

Rat ix-xhieda ta’ **Joseph Florian** (a fol. 106) moghtija minnu waqt is-seduta tas-sitta t’Ottubru 2008, fejn mill-ewwel gharaf lill-attur prezenti fl-Awla. Ikkonferma ghal darb ohra li huwa jokkupa l-kariga ta’ Manager ma’ Peter Calamatta Landscapes. Mistoqsi jekk qatt ghamel xi xoghol ghall-atturi, wiegeb li ma jiftakarx li ghamel, pero’ jaf li darba kien mar ghand l-attur u dan kien talbu biex jaghmillu quotation, u fil-fatt hekk kien sar.

Mistoqsi jekk izommux dawn il-quotations, huwa qal li kellu d-dubji dwar dan spjecjalment meta x-xoghol ma jkunx sar minnhom.

Fis-sitta t'Ottubru 2008 xehed ukoll il-**Perit Arkitett Patrick Camilleri** (a fol. 107 et seq.)  li ddikjara li huwa jahdem bhala perit ma' Mangion & Mangion Partners. Mistoqsi jekk jaghrafx lill-attur, huwa kkonferma li jafu peress li kien ghamel xi alterazzjonijiet fid-dar tieghu, fosthom fetha fil-garaxx u xi xoghlijiet ohra.  Qal li in segwitu l-attur kien talbu jaghmillu stima ghal bir.  Mistoqsi jekk kienx ghamel xi rapport fuq landscaping, qal li mill-memorja ma jiftakarx ghax il-kaz ilu hafna, pero' seta' jaghmel ricerka mill-file tieghu.  Ftakar li kien ghamel affidavit, li fil-fatt kien ghadu fil-pussess tieghu.  Seduta stante halef u esebixxa dan l-affidavit u d-dokument imsemmi fl-istess affidavit.

Fl-affidavit tieghu, il-Perit **Patrick Camilleri** jghid li fis-sajf tas-sena 2000 huwa kien qed jiehu hsieb xi xoghlijiet fil-fond tal-attur, meta dan kien infurmah li kien se jibni reservoir, ossija bir, fil-fond in kwistjoni.  Ghalhekk huwa kien talbu jiccekkja li s-saqaf tal-bir ikun b'sahhtu bizzejjed biex minn fuqu jghaddu xi ngenji.   Jghid li dan ix-xoghol kien gie esegwit minn terzi persuni, li kienu wkoll jahdmulu fil-gnien u li wiehed minnhom jismu Jeffrey Attard. Imbaghad qal li ghall-habta ta' Dicembru 2000 l-attur kien talbu stima tal-valur tal-bir biex ikun jista' jipparaguna l-istima tieghu mal-prezz li kkwotalu Jeffrey Attard. Ghalhekk huwa kien hadem stima fuq ix-xoghol tal-bir, li kienet tkopri t-thaffir, il-bini tal-hitan, l-art u s-saqaf tal-concrete inkluz il-hadid u l-kisi tal-art u l-hitan.  Qal li qies tal-bir kien ta' hames metri b'zewg metri punt erbgha u gholi ta' metru punt sebgha (5m x 2.4m x 1.7m), u l-istima kienet tammonta ghal elf, tliet mija w ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,320.20).

In kontro-ezami l-Perit Patrick Camilleri  jispjega li l-istima minnu esebita ghandha x'taqsam biss mar-reservoir u xejn mal-*landscaping*.  Jghid ukoll li hu ma kellu l-ebda nkarigu fuq dawn ir-reservoirs salv li jara li s-saqaf ikun jiflah il-piz ta' trakk.  Jghid li sa fejn jaf hu dan l-inkarigu kien inghatalu qabel ma l-bir gie msaqqaf.  Filwaqt li kkonferma li hu kien ra l-bir, qal li l-qies tal-bir kien inghata lilu mill-attur.  Qal li s-saqaf huwa nkluz fl-istima esebita a fol. 111.

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata seduta stante nhar id-dsatax ta' Jannar 2009, li permezz taghha pprezentaw l-affidavits taghhom flimkien ma' hames (5) ritratti mmarkati bhala Dok. JS1 sa JS5.

**Jeffrey Attard** fl-affidavit tieghu jghid li hu w Joseph Schembri kienu ghamlu xoghol ta' landscaping u x-xoghlijiet kollha necessarji sabiex ghamlu gnien komplut ghal Dr. Freeke. Qal li dawn ix-xoghlijiet kienu jikkonsistu fost l-ohrajn fit-tindif tas-sit kollu, tnehhija ta' sigar, pjanti w materjal hazin li kien hemm qabel, trapjanti ta' pjanti li regghu tpoggew fil-gnien, haffru toqob u qattghu il-blat u ziedu l-hamrija. Jghid li kien hemm parti li giet *terraced* madwar kull sitt metri kif jidher fir-ritratt JS5, sar trattament tal-hamrija, xiri w thawwil ta' pjanti, *drip irrigation system,* thaffir ta' bir, disinn tal-gnien t'temi differenti fil-partijiet differenti tal-gnien u trellising fejn hemm il-bouganvilla.

Ikkonferma li huwa kien ukoll responsabbli ghall-invoices mahruga. Qal li certi pjanti kienu jiswew hafna w ghalhekk hu kien jaghtih stima darba bil-miktub u drabi ohra verbalment ta' kemm ser jiswew, u hu kien jaghti l-go ahead biex ikomplu x-xoghlijiet in kwistjoni. Jghid li hafna mix-xoghol kien gie ordnat specifikament ghal Dr. Freeke. Insista li l-attur dejjem accetta l-kontijiet moghtija lilu w fil-fatt dejjem hallas fil-pront hlief ghall-ahhar kont ta' Lm4,518 li kien fadal bilanc minnu ta' Lm1,252.85, il-kont tad-9 ta' Novembru 2000 relattiv ghall-pompi minn bir ghall-iehor fl-ammont ta' Lm208.15 u l-kont tal-bir li jammonta ghal Lm2,200. Ghalhekk b'kollox fadallu jhallas Lm3,661.25.

Isostni li l-prezzijiet tal-pjanti huma l-prezzijiet fis-suq, li pero' jvarjaw ghax m'hemmx prezz fiss. Ghalkemm jistqarr li ma tawhx skont, jghid li wiehed ghandu japprezza li huma damu jahdmu hemm ghal xhur twal u filwaqt li jinsisti li x-xoghol sar tajjeb hafna, jghid li huma ma talbux hlas ghal xoghol manwali ta' thawwil tal-pjanti. Rega' nsista l-atturi kienu kuntenti hafna bix-xoghol li kien qed isir u barra minn hekk izid li kieku sabu xi problema

setghu iwaqqfuhom, izda huma tant kienu kuntenti li l-attur sahansitra kien izid l-affarijiet li kellhom isiru fil-gnien.

B'referenza ghall-prezz tal-bir, jghid li l-ammont ta' Lm2,200 huwa kemm sewa lilhom biex qabbdu n-nies u jinkludi x-xoghol kollu mehtieg biex ikun lest biex jintuza. Rigward l-istima tal-Perit Patrick Camilleri jghid li din kienet tkun realistika kieku x-xoghol seta' jsir b'ingenji kbar, izda peress li l-bir kellu jsir f'post diga' mibni u fi spazju ristrett, kellu jsir xoghol b'ingeni zghar u bl-idejn, li allura jghollu l-prezz.

Meta rega' xehed viva voce fis-seduta ta' nhar it-tlieta tlettax t'Ottubru 2009 ( a fol. 151 et seq.) gie mistoqsi jispjega kif il-bir gie jiswa elfejn u mitejn Lira Maltin, u jghid li hu kien gie nkarigat jaghmel *excavation* tal-art u kellu jaghmel saqaf li jiflah bowser ta' tlett elef litru. Jaf li fil-bicca kien involut ukoll il-Perit Patrick Camilleri u kkonferma li hu kien qabbad lil haddiehor biex jaghmel l-excavation. Qal li dan it-tip ta' xoghol ma jithallasx bil-kejl izda bl-istima ghax fil-fatt dan huwa bir zghir. Jammetti li f'dan il-kaz huwa ma kienx ghamel stima tax-xoghol u li naturalment iccargja lill-attur dak li effettivament kienu ccargjaw lilu. Jghid li hu kien lest li jitlef din is-somma peress li kienu hadu zball fil-kejl tal-bir. Mistoqsi jekk ghandux ricevuta li hallas lil Robert Micallef seba' mija w hamsin Lira, wiegeb li ghandu, w ipprometta li jesebiha f'seduta ohra. Jghid li sa fejn jiftakar dan Micallef kien mar fil-post xi tliet darbiet, pero' mbaghad peress li kellhom ikabbru l-bir kellu jintuza makkinarju kbir.

Ikkonferma wkoll li hallas is-somma ta' elf u mitt Lira lil Mario Grima ghall-bini tal-bir, u li hallas tmenin Lira lil Joseph Bezzina tal-jack hammer, filwaqt li ammetta li l-ispejjez tat-tindif huma costs tieghu stess. Il-mitejn u erbghin Lira ghall-kisi kien hallashom lil Joseph Demicoli li dak iz-zmien kien impjegat mieghu, pero' llum m'ghadux.

Mistoqsi jekk rax l-istima tal-pjanti mahruga mis-Sur Meli, qal li rahom u zied li l-prezzijiet li hu kien iccargja lil Dr. Freeke kienu l-prezzijiet fuq is-suq dak iz-zmien, u zied ukoll li peress li ma kienx labour charge per se l-prezzijiet

jinkludu labour charges.  Anzi zied li mhux talli ma jaqbilx ma’ dak li qal Anthony Melli, talli qal li dan ma jafx x’inhu jghid.

Fil-wiehed u ghoxrin ta’ Jananr 2010 xehed in kontro-ezami ( a fol. 155) u esebixxa set ta’ ricevuti.  L-ewwel ricevuta mmarkata bhala Dok. GG1, tirrigwarda qtugh ta’ blat ghall-bir.  Dok GG2 wkoll hija ricevuta konnessa mal-bini tal-bir, filwaqt li Dok GG3 hija ricevuta ghall-uzu tal-jack hammer.  Ikkonferma li dawn il-hlasijiet saru minnu.

Rat l-affidavit ta’ **Joseph Schembri** li kkonferma li hu kien hadem ma’ Jeffrey Attard fil-gnien tal-attur u li l-pjanti u x-xoghlijiet imnizzla fil-kont kienu verament saru.  Jghid li l-attur kien ihallas fil-pront.  Spjega li peress li l-landscape irid jigi zviluppat, xi pjanti li huma kienu jaraw li ma zviluppawx kienu jbiddluhom minn jeddhom ma’ pjanti li huma kien jidhrilhom li kienu izjed addattati pero’ li jkollhom l-istess prezz.  Jghid li l-unika pjantali ma kinitx giet mibdula kienet il-Phoenix Dactylifiera, u dan ghax l-attur ma riedhomx jibdluha.  Isostni li hija prattika maghrufa mal-*landscapers* li l-pjanti ma jaqbdux kollha, specjalment f’sit espost bhal ma hu dak ta’ Dr. Freeke, li hu soggett ghal irjieh qawwija w raxx tal-bahar.  Pero’ jghid li l-policy taghhom hija li jekk pjanti ma jaqbdux, huma jibdluhom minn jeddhom bla hlas.

Huwa jghid li wara li waqfu mix-xoghol fil-post, ma jafx jekk Dr. Freeke qalax xi pjanti jew mitux xi pjanti ghax ma hax hsiebhom kif suppost.  Lanqas ma jaqbel ma’ dak li ntqal li hemm pjanti li gew imhawla f’postijiet li mhux addattati ghalihom, izda qal li jista’ jkun li ghall-ewwel dawn semplicement ikunu qed jissopravvivu sakemm jizviluppaw ruhhom l-upper vegetative canopies li mbaghad jinholoq micro-climate li jkun addattat ghalihom u jibdew jisbiehu.  B’referenza ghar-rapport ta’ Anthony Meli jghid li dan messu nduna li l-gnien gie mqassam f’diversi stili, fuq xewqa tal-klijent u b’hekk partijiet differenti tal-gnien kellhom micro-climates differenti, fosthom rose garden, Mediterranean garden, sub-tropical garden, formal garden, u architectural u ghaldaqstant il-

fertiliser rates u peat rates gew addattati ghall-partijiet partikolari. Jichad dak li qal Meli dwar il-fatt li ntuza bark mulch zejjed anzi jsostni li din intuzat sabiex trazzan il-hela t'ilma, tnaqqas l-izvilupp ta' haxix hazin u tghin billi tnaqqas l-istress tal-pjanti ghax izzomm l-gheruq iktar friski. Jistqarr madankollu, li huwa fatt risaput illi jridu jintuzaw fungicida u nutrijendi fil-gonna kultivati. Jerga' jikkonferma li l-pjanti li nizzlu fil-kontijiet taghhom kienu dawk li effettivament tpoggew, u jghid li fil-fatt dawn ghadhom hemm sal-lum kif jindikaw ir-ritratti li huwa ha mit-triq quddiem id-dar ta' Dr. Freeke fl-10 ta' Jannar 2009,u li jinsbu mmarkati JS1 sa JS5. Jirrimarka li dak li qal Meli li l-pjanta cycas revolute ma kienitx tezisti fil-gnien, mhux minnu ghaliex din anke tidher fir-ritratt esebit bhala Dok. JS1, apparti l-ghadd kbir ta' pjanti ohra li jidhru fir-ritratti l-ohra li juru bic-car li l-pjanti thawwlu, ghexu u ghadhom hemm sal-lum.

Rigward xi servizzi li Meli jsejhilhom extra jghid li dawn huma ammonti zghar u l-bicca l-kbira minnhom kienu ghal xoghol li gie sub-contracted. Isemmi li d-*drip irrigation* li gie nstallat, dan kellu jkun wiehed fuq il-wicc tal-hamrija u mhux *sub-irrigation system*, u huwa ghalhekk li thallew fil-wicc. Jghid ukoll li peress li Meli ma kellux samples tal-hamrija kif kienet qabel ix-xoghlijiet, ma jista' jghid xejn dwar il-kundizzjoni tal-hamrija w il-fertilizzanti wzati, u jzid li jekk ma sabx rizultati tajbin , dan jista' jkun minhabba leaching tan-nutrijenti mill-hamrija f'kaz ta' xita eccessiva jew fil-kaz ta' *over-watering*.

Jinsisti li l-gnien tal-attur sar skond is-sengha w l-arti u x-xoghlijiet saru sewwa.

Rat li fis-sitta ta' Mejju, 2010 l-avukat difensur tal-konvenuti ddikjara li kien ghalaq il-provi tieghu.

L-avukat tal-attur ghamel it-trattazzjoni tieghu nhar id-dsatax ta' Mejju, 2010.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t’April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras dwar it-tip ta’ prova li ghandu jressaq attur f’kawza fejn inghad illi:

*“In materja ta’ provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta’ l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista’ joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta’ – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

c) *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta’ l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-*

*artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Illi f'din il-kawza kien gie nominat l-espert tekniku Peter Caurana minn din l-Qorti diversament preseduta, pero' mill-atti processwali ma jirrizultax li dan il-perit qatt ha konjizzjoni tal-atti processwali u l-partijiet qatt ma ghamlu referenza ghal dan l-espert, u ghalhekk il-Qorti sejra taghti l-gudizzju taghha fin-nuqqas tar-rapport tieghu. Fl-ebda hin ma l-partijiet qatt urew ix-xewqa taghhom li dan il-perit jespleta l-inkarigu lilu moghi.

Illi pero' fl-atti hemm rapport ex parte ta' Anthony Meli prodott mill-attur. Jidher li din il-persuna hija persuna teknika u mistharrga f'dan il-qasam ta' *landscaping* u *gardening* tant li kienet tokkupa l-kariga ta' Principal Scientific Officer fid-Dipartiment tal-Agrikoltura.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta l-Appell nhar it-30 ta' Marzu, 2001 fl-ismijiet **Sunny Tabone Vs Carmel Tonna u lill- Kummissarju tal-Pulizija** gie trattat il-punt jekk xhud ex parte hux ammissbbli bhala espert w inghad li *"illi l-ammissibilita' ta' l-opinjoni ta' espert ex parte hi kontemplata indirettament bl-emenda* ***ta' l-Att XXIV ta' l-1995*** *ta' l-artikolu gia citat. Dana biss fl-istadju tal-gbir tal-provi inkwantu l-opinjoni esperta ex parte kienet biss producibbli fis-sens illi "meta persuna tissejjah bhala xhud, l-opinjoni taghha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha hi kwalifikata taghti xhieda bhala espert ghandha tintlaqa' bhala xhieda biss jekk fil-fehma tal-qorti dik il-persuna jkollha l-kwalifiki mehtiega dwar dik il-prova" (****subinciz 1 ta' l-Artikolu 563A)****."*

Din id-disposizzjoni ghalhekk tippermetti l-produzzjoni ta' xhud li jkun espert ex parte bhala prova, u inkwantu tali

setghet biss tigi prodotta fl-istadju fejn il-ligi tippermetti li prova setghet tigi migjuba quddiem il-Qorti. Il-parti ghandha biss id-dritt li tipproduci xhud, u jekk dak ix-xhud minnha prodott jaghti opinjoni kwalifikata, id-depozizzjoni tieghu ghandha tintlaqa' bhala prova, pero' dana fil-kaz biss fejn il-Qorti tkun sodisfatta mill-kwalifiki tax-xhud li jkun xehed u ta opinjoni dwar il-materja taht ezami. Naturalment din ix-xhieda tista' tigi kontradetta bi provi ohra jekk ikun il-kaz.

Illi x-xhieda ta' Anthony Meli m'ghandhiex titiqies li hija l-unika prova, izda ghandha tinghata l-importanza taghha ghaliex hija xhieda teknika li ma gietx kontestata b'mod tekniku, u minn imkien ma jirrizulta li dak li kkonkluda fir-rapport tieghu mhux minnu.  Naturalment kieku l-Qorti kellha r-rapport tekniku ta' Peter Caurana dan ir-rapport ma kienx jissostitwixxi dak ir-rapport, izda din il-Qorti m'ghandhiex provi teknici dwar dak li gie mizrugh u dak li efettivament kien hemm fil-gnien .

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Lawrence Cachia Zammit *et* -vs- Carmela Chetcuti</u>**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili, nhar id-19 ta' Gunju, 1950, inghad li *"huwa minnu li (prova ex parte) ma tikkostitwix il-prova pjena, huwa wkoll veru li per se tista' tkun utli u tista' tikkonduci, flimkien ma' provi ohra, ghal rizultament li in konsgwenza tieghu tista' tigi deciza l-kawza".*

Ghahekk m'hemmx dubbju li din il-Qorti sejra taghti importanza kbira lil dan ir-rapport.

Illi l-attur xehed u spjega f'hiex kienu jikkonsistu l-ilmenti tieghu.  Spjega illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti, kienu hawwlulu pjanti bil-pots tal-plastic, hallew is-support tal-hadid mas-sigar tar-rummien, hallew il-pajpijiet tal-irrigation jidhru meta kienu qeghduh, li suppost kienu jidhru biss l-*ispaghetti pipes* (il-feeders il-qosra).  Qal ukoll li l-bir sar bis-sulluzzu ghaliex ma kienux kapaci jghidu minnufih kemm kellu jkun kbir, u ghalhekk dan kabbruh tliet darbiet.  Qal li hawwlu hafna sigar u pjanti li mietu minnufih u li ghalhekk ippretenda li l-istess atturi jibdlulu dawn il-pjanti. Spjega wkoll li x-xoghol kellu jitlesta fi

zmien hafna iqsar, izda peress li mhux dejjem kienu jmorru u gieli kienu jibaghtu lil certu Abdilla ma' zewg Gharab minflok li jmorru huma, x-xoghol tlesta hafna xhur wara iz-zmien li kien prospettat.

Kien ghalhekk li huwa qabbad lil Anthony Meli sabiex jnghata parir ghal dak li sehh fil-proprjeta' tieghu. Dan Meli hareg rapport kif fuq imsemmi u elenka n-nuqqasijiet kolllha li kien hemm. Ikkonferma li kien hemm hafna nuqqasijiet min-naha tal-konvenuti ghax-xoghlijiet imwettqa minnhom. Huwa fil-fatt elenkahom u dawn id-difetti ma gewx kontestati mill-konvenuti. Jinghad ukoll li l-konvenuti ma pprezentaw l-ebda ricevuta tal-pjanti li xtraw u hawwlu, u kienu jitolbu diversi hlasijiet li ghall-ewwel kollha gew onorati.

Jidher li dak li qal l-attur, u cioe' li l-giebja kellha tkun b'xejn, bla hlas, huwa minnu ghaliex fil-fatt il-konvenut Jeffrey Attard jikkonferma dan, pero' jghid li peress li l-attur dam ma hallsu l-bilanc rega' bdielu u hass li kellu jithallas is-somma t'elfejn u mitejn Lira (Lm2200), kemm swiet lilu. Il-konvenut ikkonferma li t-thaffir u xoghol in konessjoni ma' dan il-bir ma sarx minnu idza minn diversi nies imqabbda minnu. Mhux kull ricevuta li esebixxa kienet ricevuta tal-VAT, u dawn l-ircevuti ma gewx konfermati minn min harighom.

Illi jirrizulta minn dak li qal Anthony Meli stess li huwa mar fuq il-post ftit wara li kien tlesta x-xoghol u ghalhekk dak li rraporta dwaru huwa dak li kien ra *de visu* huwa stess. Dak li ntqal minnu fl-ebda hin ma gie kontestat mill-konvenuti u ma ressqu l-ebda prova kuntrarja sabiex igibu fix-xejn dak li kkonkluda s-Sur Meli.

Ghalhekk dwar ix-xoghol li sar in konnessjoni ma' landscaping u orticoltura l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tikkonferma dak li qal l-espert Meli, u cioe' li l-konvenuti ghandhom jirrifondu lill-attur dik is-somma likwidata minnu fl-ammont ta' tlett elef, tmien mija w sittax-il Lira u sebgha w hamsin centezmu (Lm3,816.57) (ara fol. 35 tal-process). Dwar il-hlas tal-giebja jirrizulta li skond il-konvenut huwa ghandu jithallas is-somma t'elfejn u mitejn

lira (LM2,200) kif spejgat minnu fix-xhieda tieghu, pero' l-Qorti tfakkar lill-partijiet li dan ix-xoghol kellu jkun bla hlas u in oltre l-Qorti mhix konvinta minn dak li rrizulta mill-process u mir-ricevuti esebiti (ricevuti bla VAT u mhux konfermati) li effettivament din il-giebja swiet daqstant, u ghalhekk mhix ser tordna lill-attur ihallas ghal dan ix-xoghol, anke in vista ta' dak li xehed il-perit Patrick Mangion li qal li zgur li l-ispiza ma kellhiex tkun daqstant.

Peress illi mill-provi prodoti ma jirrizultax li effettivament il-partijiet qatt dehru quddiem il-perit tekniku Peter Caruana, u l-partijiet lanqas biss ghamlu referenza ghal dan fit-trattazzjoni taghhom, ghalhekk qieghda tiskarta n-nomina li kienet ghamlet u qieghda tistrieh biss fuq dak li irrizultalha mill-atti processwali.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tiddikjara li l-konvenuti rcevew indebitament flejjes minghand l-atturi in eccess ta' dak li kellhom realment jircievu minghandhom, in konnessjoni ma' xoghol ta' *gardening*, u konsegwentement tiddikjara li l-atturi m'ghandhom l-ebda bilanc pendenti fil-konfront tal-konvenuti u qieghda tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lura s-somma ta' tmint elef tmien mija w disghin Ewro w tnejn u ghoxrin centezmu (€8890.22) ekwivalenti ghas-somma ta' tlett elef, tmien mija w sittax-il lira u sebgha w hamsin centezmu (Lm3,816.57) kif spjegat aktar 'il fuq, filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti ghat-talba tal-atturi, qieghda tichad il-kontro-talba tal-konvenuti ghat-talba tal-atturi u qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza w l-imghax skond il-Ligi jithallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------